MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2014

Numru. 1081/2013

**Artikoli 204C, 251A (1), 251B u 412C tal-Kapitolu 9**

**Artikoli 15(1) u (2) tal-Kapitolu 65**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Legal Notice 94/69.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**RAISA MANGION**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **RAISA MANGION**, ta' 21 sena, bint Carmel George Mangion u Mary nee' Agius, imwielda Pieta' nhar it-23 ta' April, 1992, u residenti fi Flat 9, Trejqet il-Ward, Block XIV, Bieb 1, Santa Lucija u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 214192(M) giet imressqa quddiemha u akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn it-30 ta' Ottubru, 2013, u fis-sena ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ippartecipat f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u cioe'
   -omissis-;

2. Kif ukoll talli fid-29 ta' Ottubru, 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, bl-imgieba taghha ikkagunat biza' lil -omissis- u lil -omissis-li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom;

3. Kif ukoll talli fid-29 ta' Ottubru, 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer, gabet ruhha b'mod li taghat fastidju lil -omissis- u lil -omissis- u kif ukoll taghat fastidju b'mod li kienet taf jew imissha kienet taf li kienet ta' fastidju ghal dawn il-persuni imsemmija;

4. kif ukoll talli fid-29 ta' Ottubru, 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, saqet vettura b'numru ta' registrazzjoni JBP 352 tal-ghamla Volks Wagon b'mod perikoluz, traskurat u negligenti;

5. kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saqet vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBP 352 tal-ghamla Volks Wagon b'manjiera eccessiva;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputata minn kull licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghall-garanzija ta' -omissis- u lil -omissis- skond l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi cioe’ -omissis- u lil -omissis- jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta' vjolenza, tohrog  ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat (Art. 412C Kap. 9 tal-Kodici Kriminali)

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom stqarrija mmarkata bhala Dok. TM1 li tinsab a fol. 6 et seq., fedina penali tal-imputata mmarkata bhala Dok. TM2 a fol. 9, estratt mill-att tat-twelid tal-imputata mmarkat bhala Dok. TM3 a fol. 10, okkorrenza mmarkata bhala Dok. TM4 a fol. 11 et seq., il-kunsens tal-Avukat Generali moghti fil-31 ta' Ottubru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. TM5 a fol. 19 tal-process u passaport ta’ Raisa Mangion li jinsab a fol 26 tal-process. Rat ukoll li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Illi nhar is-17 ta’ Jannar, 2014 xehed **PS 928 Ramon Mifsud Grech** u spjega li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Ottubru, tas-sena l-ohra ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (13:00) kienu gew imsejjhin biex imorru fuq argument bejn genitur u *teacher* gewwa l-iskola sekondarja tal-bniet ta' Pembroke. Hu u l-kollega tieghu telghu fuq il-post fejn sabu mara li kienet wahda mill-genituri li

kienet qed tiggieled mal-*headmistress* peress illi t-tifla taghha kellha argument gol-iskola u riedet lill-*headmistress* tidhol fl-istorja biex it-tifla taghha ma tigix mhedda. Mistoqsi jekk jiftakarx din il-mara x'jisimha u t-tifla taghha x'jisimhom huwa spjega li t-tifla li bdiet theddida hija -omissis- u l-mara kienet -omissis-.

Sussegwentement kif huma kkalmaw is-sitwazzjoni tal-argument u -omissis- kienet ikkalmat bdew jitkellmu huwa mal-*headmistress* tal-iskola s-Sinjura Rita Barbara u mal-istess -omissis- u bdew jitkellmu rigward it-theddid li bdiet issofri t-tifla taghha. Hin minnhom din -omissis- flimkien ma’ -omissis- infurmawh li dina -omissis- hafna drabi tul il-gurnata bdiet thedded it-tfal tal-iskola shabha kollegi taghha u bdiet tghidilhom li hi ghandha l-*girlfriend* taghha li ghandha *twenty one* (21) *years* u jekk ikun hemm xi hadd min jiccajta maghha u jaghmlilha xi haga l-iskola hija kienet lesta li ggibha u ittihom daqqa ta' mus. Jghid li l-*headmistress* kienet daqsxejn inkwetata ghax qaltlu vera din it-tifla kellha persuna ta' wiehed u ghoxrin sena li qed tkun maghha spiss ghax kull filghaxija fis-saghtejn (14:00) kif jispicca l-hin tal-iskola din dejjem tigi ghaliha tistenniha bil-karozza privata taghha, titla' maghha u titlaq. Il-*headmistress* infatti qaltlu li ghandha karta f'idejha li kienet ser tibghat lill-missier u omm -omissis- biex dawna jiffirmawlha li m’ghandhomx oggezzjoni li binthom -omissis- kienet qed titla' ma' persuna mhix membru tal-familja jew inkella li kienu konsapevoli li ma kienitx qed titla’ mal-*private* tat-tfajliet bhall-ohrajn. Il-*headmistress* qaltlu wkoll li din il-kwistjoni kienet qed tinkwetaha

daqsxejn ghax -omissis- hija *minor* ghandha sittax (16) u qaltlu ma tafx x'relazzjoni hemm bejniethom.

Hu qalilha ma kienitx problema u fil-fatt qallha li peress li kien hemm din l-allegazzjoni tal-mus u dan id-diskors li -omissis- hija minorenni u l-habiba taghha ghandha l-eta' taghha huwa kien ser imur hdejn l-iskola fis-saghtejn (14:00) ha jara hux vera tkun qed tistenniha. Fil-fatt hekk ghamel fis-saghtejn (14:00) rritorna hdejn l-iskola u sab lil din it-tfajla fl-ekwati tal-iskola fejn il-vettura taghha fejn huwa kellimha u staqsiha x'inhi taghmel hemm u qaltlu li kienet qed tistenna persuna. Staqsiha din il-persuna min hi u qaltlu din il-persuna hija tfajla. Qaltlu qed tistenniha u hu staqsiha x'relazzjoni hemm bejnha u bejn din il-persuna u fil-pront qaltlu li kienet l-gharusa taghha. Qabez hu u qalilha *"l-gharusa tieghek f'liema sens hi?"* Din wegbitu fis-sens li *"qed nistenna l-gharusa tieghi"*. Qaltlu *"jien ghandi wiehed u ghoxrin (21) sena"*. Imbaghad meta qaltlu hekk huwa dahal daqsxejn iktar fil-fond u staqsieha *"x'tip ta' gherusija hemm bejnietkom?"* Qalilha *"voldieri inti qed tghidli li din l-gharusa tieghek u intom taghmlu attivitajiet sesswali?"* Qaltlu *"iva mela"*. Qabez hu u qalilha *"taf li dik ghadha taht l-eta'?"* Hija allura qaltlu *"ommha u missierha wkoll jafu t-tnejn"*. Imbaghad qalilha jekk hijiex certa milli qed tghidlu u hi qaltlu *"mija fi-mija tista' issaqsi l-ommha u l-missierha".* Qalilha *"voldieri ommha u missierha jhallukhom id-dar?"* Qaltlu iva, illi ommha u missierha separati pero' meta tkun ghand missierha, missierha jdahhalha maghha u meta jkunu ghand ommha, ommha

ddahhalha ukoll. Qalilha voldieri *"quddiem ommha u missierha tkunu gol-kamra taghha wahedhom?"* Qaltlu *"iva mela".*

Hu qalilha li ser ikellem lill-ohra ukoll u dahal fl-iskola. Lil Raisa qalilha biex tibqa' barra tistennihom. Huwa dahal gol-iskola, it-tfal l-ohra hargu kollha u kellem lil -omissis- fil-prezenza tal-*headmistress*. Din ikkonfermatilhom l-istess bhal ma qaltlu Raisa li hemm relazzjoni bejniethom, li din ilha maghha sena, li hemm attivita' sesswali ghaddejja bejniethom u qalet dan kollu quddiem il-*headmistress* u hallithom iccassati. Imbaghad huwa baghat lil -omissis- id-dar mhux ma' Raisa, ghax lil Raisa keccieha. Hu qalilha biex tmur tghid lil ommha jew lil missierha jmorru l-Ghassa ta' San Giljan ha jkellimhom.

Fil-fatt marret omm -omissis- fejn din ikkonfermat dak kollu li qaltlu t-tifla li dina kienet taf bir-relazzjoni sesswali taghhom. Qaltlu li ahjar jekk it-tifla taghmel hekk u tkun ma' wahda milli toqghod tiggerrilha ma' dak u mal-iehor jew ma' dik u mal-ohra u ma tigrilhiex bil-lejl. Qaltlu li hi ahjar tkun taf fejn qieghda t-tifla u ghandha din ir-relazzjoni milli t-tifla tiggerra l'hemm u l'hawn. Huwa lil ommha nfurmaha li dana huwa reat ghax dik ghadha taht l-eta' u qaltlu li ma kinitx taf li hu reat.

Gie mistoqsi jekk sussegwentement xi granet wara giex irrappurtat lilu xi haga ohra minn wahda minn dawn il-genituri u huwa wiegeb

li le dik grat qabel mal-kollega tieghu Surgenta ohra li bdiet investigazzjoni rigward xi theddid gewwa l-Gzira b'xi vettura u komplijielha hu. Huwa kull ma kellu x'jaqsam biss mar-rapport l-iehor. Ghandu kopja tar-rapport ta' li x'qed tghid l-Ispettur.

Mistoqsi jghid jekk jafx xi haga fuq rapport ta’ thedid li kien sar relatat ma’ din il-pendenza spjega li kienet marret l-ghassa certu -omissis- li hija wahda mill-genituri tat-tfal li jmorru l-istess skola u rrapportat li t-theddid xorta baqa' ghaddej izda huwa ma ndahalx f’din l-investigazzjoni. Huwa spjega li -omissis- kienet ippretendiet li l-Pulizija jarrestaw lil -omissis- u li jressquha minhabba t-theddid li kien isir fil-konfront ta’ bintha u -omissis- spiccat anke kellmet lill-Ministru fuq it-telefown. Mistoqsi b'liema mod baqa' sejjer dan it-theddid u x'qaltlu spjega li fil-bidu -omissis- ma ridietx tressaq lil -omissis- il-Qorti pero' imbaghad meta t-theddid baqa' ghaddej xtaqithom jaghmlu l-*utmost* taghhom u nfatti anke xtaqithom li jarrestawha u jdahhal fiha l-Ministru. Kellu jkellem il-Ministru fuq it-telefown u riedet li huma jarrestawha rigward is-sewqan perikoluz u li Raisa kienet marret ghaliha l-Gzira bil-vettura taghha. Spjega wkoll li kien hemm rapport li Raisa marret tfittex lit-tifla ta' -omissis- il-Gzira fit-toroq.

Mistoqsi jekk effettivament meta kien l-iskola kienx qed izomm l-investigazzjoni tieghu limitatament dwar ir-rapport tal-allegat relazzjoni ta’ bejn Raisa Mangion u -omissis- jew jekk kienx qed

jinvestiga r-rapport ta’ bullying , huwa jghid li huwa nvestiga biss ir- rapport dwar ir-relazzjoni li kien hemm bejn l-imputata u -omissis-. Dar il-kwistjoni tal-bullying il-headmistress qalet li kienet diga’ ghamlet xi rapport u ma dahalx fih.

Mistoqsi jekk lill-imputata kienx qallha li dak li kienet qed taghmel hu reat wiegeb li qalilha u qaltlu li ommha taf ukoll. Mistoqsi jekk jistax jghid x’risposti tat ommu (li ovvjament hija responsabbli mit-tifla) lill-Pulizija u x'azzjoni hadet, spjega li ommha kienet taf b’dak li kien ghaddej u ma hadet xejn bi kbir imbaghad malli huwa qalilha li dan huwa reat baqghet iccassata. Mistoqsi x'azzjoni hadet il-pulizija huwa qal li huwa kien irraporta dak li irrizultalu lill-Ispettur. Mistoqsi sussegwentement jekk kellimx ukoll lil missier it-tifla jghid li t-tifla xtaqet li jkellmu biss lil ommha u kien ghalhekk li kelmu lilha biss. Ikkonferma li l-genituri ta’ -omissis- huma separati. Huwa pprezenta l-okkorenza tieghu li giet immarkata bhala bhala Dok. RM1.

Illi nhar is-17 ta’ Jannar, 2014 xehdet **-omissis-** wara li nghatat it-twissija skond il-ligi. Spjegat li l-pulizija kienu kellmuha fuq dak li kien gara l-iskola u wara fuq il-kwistjoni ta’ bejnha u bejn Raisa. Tghid ukoll li l-pulizija kien kellimha fil-prezenza tal-papa' taghha. Mistoqsija tispjega min hi Raisa hija spjegat li din kienet habiba taghha u kienet tiftah qalbha maghha. Mistoqsija x'tip ta' habiba kienet hija spjegat illi kienu johorgu flimkien, jitkellmu u hekk.

Mistoqsija tispjega l-hbiberija taghhom x'kienet, ix-xhud spjegat li darba minnhom kienu ser jitbewsu, ex admisses tghid “jintredaw”. Li ma ghamlux atti sesswali dak li jsir bejn mara u ragel u ex admisses tghid “*ghax ovvjament mara ma' mara ma tista' taghmel xejn sesswalment just biesna lil xulxin darba fill, dak kollox*”.

Mistoqsija ghaliex lill-pulizija qalet affarijiet differenti wiegbet li dakinhar ma kinitx taf x'ha tghid u bdiet tghid dak li l-pulizija pprovaw igeghluha tghid. Mistoqsija min kien qed igieghelha tghid xi haga spjegat li dak il-hin quddiemha kien hemm l-Ispettur jew Surgent, ma tafx ezatt. Imma tghid li qalet dak li qalet biex tehles kollox. Huwa minnu li wzat il-kelma “*sesswalment*” pero’ ghaliha dik il-kelma riedet tfisser li bieset lil Raisa. Il-Qorti staqsietha jekk dik kienitx l-attivita' kollha sesswali li ppartecipat fiha u x-xhud wiegbet li “*bisitha*”*.* Mistoqsija mill-Qorti wara li giet imwissija dwar l-import ta’ gurament falz tghid li ghaliha meta qalet li kienet sesswali ma’ Raisa riedet tifsser li biesitha u fil-fatt qalet li kien hemm zewg okkazjonijiet meta biesitha. Il-Qorti staqsiet jekk huma f'din l-attivita' meta biesu lil xulxin baqghux bil-hwejjeg ix-xhud wiegbet li iva. Mistoqsija jekk tafx x’inhuma atti sesswali u mumenti intimi tghid li taf pero’ tichad li qatt ghamlet dawn ma’ Raisa. Il-Qorti staqsietha jekk lill-Pulizija qaltilhomx li ghamlet atti sesswali u x-xhud wiegbet iva imma irrepetiet “*li just li bistha sesswali ghalija*”.

In kontro-ezami x-xhud qalet li kienet ilha f’din il-hbiberija ma’ Raisa ghal perjodu ta’ sena u xaghrejn. Spjegat li bdiet thossha komda maghha. Id-difiza staqsiet jekk qattx kien hemm xi tip ta' sfurzar fuqha jew xi theddid u x-xhud wiegbet li le. Id-difiza staqsiet jekk din hijiex tip ta' hbiberija illi hija hassitha komda fiha u ghadhiex thossha komda fiha din it-tip ta' hbiberija, ix-xhud wiegbet illi iva ghadha thossha komda. Mistoqsija mill-Qorti jekk f’dawn l-ahhar zminijiet qatt kellha xi *boyfriend* ix-xhud spjegat li hi minn dejjem kienet qisha mat-tfajliet thobb toqghod anke fl-iskola. Il-Qorti staqsietha jekk bhala fatt qattx kellha *boyfriend* u x-xhud wiegbet *boyfriend* le. Mistoqsija mid-difiza jekk hija thosshiex komda fir-relazzjoni u fl-akkwati fejn ikun hemm persuni femminili ghad oppost ta' maskili x-xhud wiegbet fl-affermattiv.

Illi nhar is-17 ta’ Jannar, 2014 xehdet **-omissis-** fejn giet mistoqsija jekk tiftakarx li kienu kellmuha l-Pulizija diversi xhur qabel dwar it-tifla taghha u li fil-fatt kienet ukoll marret l-Ghassa ta’ San Giljan fejn kienu kellmuha l-Pulizija hija wiegbet fl-affermattiv. Mitluba tghid x'tiftakar wiegbet li tiftakar li kienu cemplulha waqt li kienet id-dar u qalulha biex tinzel tkellimhom l-Ghassa ta' San Giljan. Hija marret u hemmhekk sabet u tkellmet mal-Ispettur u staqsiha jekk tridx tkellem avukat. Wegbitu li ma kienitx taf ghalfejn kellha tkellem avukat u qaltlu li hi lanqas taf ghalfejn qieghda hemm. Qalilha dwar it-tifla li qed tohrog ma' Raisa ghax iggieldu l-iskola u beda jsaqsiha xi affarijiet u bdiet twiegbu. Il-Prosekutur staqsieha min hi din Raisa u hija qalet li Raisa hija habiba tat-tifla taghha li

gharfet fl-Awla bhala l-imputata. Mistoqsija x’kienet qaltlu fuq din il-hbiberija qaltlu li hija habiba tat-tifla u li kienet ilha tafha sena. Mistoqsija jekk kienet tmur ghandha wiegbet li kienet tmur kif kienu imorru l-hbieb ta’ uliedha l-ohra, spjegat li ghandha hamest itfal. Mistoqsija jekk kienx hemm iktar minn hbiberija qalet li sa fejn taf hi le izda spjegat li ma tkunx maghhom. Hija sostniet illi la jkunu barra t-tfal ma tkunx taf x'inhuma jaghmlu. Mistoqsija tispjega r-relazzjoni li hemm bejn it-tifla taghha u Raisa Mangion hija wiegbet li ghaliha *just* hbiberija. Qalet li quddiemha qatt mhu ha jaghmlu xejn hazin. Mistoqsija jekk qattx qaltilha xi haga jew fethet qalbha maghha dwar din ir-relazzjoni, ix-xhud qalet li le qatt ma qaltilha xejn. Mistoqsija jekk dina Raisa qattx marret torqod ghandhom ix-xhud wiegbet li le. Mistoqsija jekk kienux jinghalqu f'xi kamra wahedhom ix-xhud wiegbet li le hadd ma kien jitla' fuq izda kienu joqghodu isfel. Mistoqsija jekk it-tifla taghha qattx kellmitha illi forsi ghandha grazzja ma’ din Raisa jew li gieli tbewsu flimkien ix-xhud spjegat li hi taf li t-tifla thobb l-istess sesswali taghha u hija tilqaghha ghax hi tibqa bintha. Ex admisses qalet “*jigifieri dik hajjitha ma tistax iddawwarha nutli*”. Spjegat li gieli tkellmet maghha, gieli qaltilha biex tipprova tohrog ma' subien. Gieli qaltilha tieqaf minn dawk il-hbieb, tmur naqra Paceville tohrog mal-hbieb u tara naqra hajja ohra ghax hi ghadha zghira forsi ma tafx x'qed taghmel u hi xtaqitha li taghmilha din imma tkellimha kemm tkellimha l-hbiberija tal-istess sess taghha baqghet trid.

Il-Qorti staqsietha jekk qattx bintha qaltilha li Raisa bisitha x-xhud wiegbet li iva gieli qaltilha li bisitha. Il-Qorti staqsietha x'kienet ir-reazzjoni taghha ghal dan l-istat ta' fatt tghid li kwalunkwe oggett ghall-ewwel tinhasad bih imma mbaghad biex taccetta t-tifla u tara li tkun kuntenta bhal hutha fid-dar, trid jew ma tridx trid taccetta. Mistoqsija jekk qattx bintha qaltilha jew fethet qalbha maghha li hi kellha affarijiet ohra ta' attivita' sesswali ma' Raisa x-xhud wiegbet li t-tifla ma tantx thobb tiftah qalbha hafna maghha.

In kontro ezami mistoqsija mid-difiza jekk qabel din ir-relazzjoni li kellha t-tifla kellhiex xi relazzjoni jew hbiberija ohra ma' tfajliet ohra qalet li l-iskola kienu jkunu u la ma tkunx maghha ma tistax tghid x'inhuma jaghmlu. Hija sostniet li d-dar taf xi jkunu jaghmlu t-tfal, pero' barra ma tkunx taf x'inhuma jaghmlu. Id-difiza staqsietha jekk qabel l-imputata gieli gabet xi tfajliet ohra d-dar ix-xhud qalet illi le. Id-difiza staqsietha jekk fil-vesti taghha ta' omm -omissis- qattx rat xi azzjonijiet illi forsi giegheluha tahseb illi Raisa tuza xi forza mat-tifla taghha jew hija possessiva fuq it-tifla taghha hija wiegbet li ma jidhriliex li kien il-kaz.

Illi nhar is-17 ta' Jannar, 2014 xehed **-omissis-** u spjega li kienu baghtu ghalih il-pulizija u staqsewh dwar il-hbieberija li hemm bejn it-tifla tieghu -omissis- u Raisa Mangion. Spjega li kienu johorgu dejjem flimkien u ma kienx jiehu wisq gost ghaliex wahda daqsxejn ikbar mill-ohra. Mistoqsi jekk kienitx kwistjoni biss minhabba l-eta'

li ma kellux gost biha x-xhud qal li hu gia qal lill-pulizija dakinhar fl-Ghassa li huwa ma jaf xejn x'jigri bejniethom u qallu illi sakemm ikunu quddiemu dejjem ta' nies kienu. Huwa qatt ma ra xejn hazin.

Mistoqsi in kontro-ezami mid-difiza jekk id-dover tieghu bhala genitur jinteressahx xi tkun qed taghmel bintu wiegeb li zgur li jinteressah. Spjega li kieku qed tokru ghajnejgh fuq xi haga li tkun qed tigri huwa jinvestiga dak l-ilment aktar profond u jiccekja u jara daqsxejn fuq l-affarijiet. Mistoqsi mid-difiza jekk f'dan il-perjodu f'din l-ahhar sena kemm ilha ghaddejja din it-tip ta' hbiberija bejn it-tifla tieghu u l-imputata qatt gewh dawn il-hsibijiet negattivi, hsibijiet hziena li jghid ha jmur jara x-xhud spjega li hu dejjem qalilhom sabiex  joqghodu attenti kif isuqu, jaraw ma' min jaghmluha, biex ma jixorbux dawn l-affarijiet jigifieri qatt ma sema' li kien hemm xi haga hazina u l-importanti hu li certu hinijiet jidhlu lura lejn id-dar mhux jibqghu  barra jew hekk. Il-Qorti staqsietu jekk il-mara tieghu qattx tkellmet mieghu fuq it-tifla -omissis- nkwantu ghall-hbiberija ta' -omissis- ma' Raisa u x-xhud wiegeb  li ma tantx kien hemm diskors. Huwa fil-fatt meta raha l-ewwel darba d-dar lil Raisa staqsa min kienet u din qaltlu habiba ta' -omissis-. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-mara qattx qaltlu illi t-tifla taghhom -omissis- kienet tkellmet ma' ommha u qaltilha li hi kienet tbewwset ma' dina Raisa, ix-xhud spjega li car u tond qatt ma qaltlu dan id-diskors car u *straight away* qatt. Mistoqsi mid-difiza jghid li bintu ma tantx tiftah qalbha iktar jahseb li zzomm go fiha u dik l-iktar li tinkwetah. Mistoqsi mid-difiza jekk hux minn

dejjem li kienet hekk it-tifla u x-xhud wiegeb li iva ghax din dejjem jghidilha -omissis- ghandek xi haga? Ghax gieli tkun differenti. Ma twiegbekx minn dejjem hekk kienet. Anke biex titkellem iddum daqsxejn. Mistoqsi mid-difiza rigward regoli u dixxiplina ta' kif titmexxa d-dar qattx kien hemm xi problemi fejn huwa forsi kien itiha hin u forsi fic-cirkostanzi tal-hbiberija taghha marret oltre u gietu tard etc, etc u x-xhud spjega li kemm-il darba. Ikkonferma li dik haga li ddejjqu, perkazu jghidilha tal-inqas sal-ghaxra (22:00) qis li tkun hawn imbaghad nofs il-lejl (24:00) icempel ma tirrispondihx u titfilu l-mobile. Mistoqsi jekk kienx biss it-tifla -omissis- li kienet taghmel hekk wiegeb li hu ghandu hamest itfal u kwazi kollha jaghmluha b'mod jew iehor li jghidilhom ejjew fid-disgha (21:00) u jiguh fl-ghaxra (22:00). Jigifieri mhux xi haga gdida. Mistoqsi jekk fil-kaz partikolari ta' -omissis- din ilha iggib ruhha hekk ix-xhud qal ghal xi madwar sena u nofs jew sena ghax qabel kellha dawk l-erbatax (14) il-sena, allura mbaghad qisha bdiet. Qal li aktar mhi qed tikber aktar qed tiehu dan it-tip ta' libertinagg fil-konfront tal-genituri taghha, jigifieri qed tiehu iktar liberta' milli jmissha. Mistoqsi mid-difiza x'tip ta' reazzjoni jkun hemm minn naha tieghu meta jigru dawn it-tip ta' affarijiet ix-xhud wiegeb li qabel kien jargumenta hafna u kien jara hafna cpar izda llum il-gurnata jaghlaq daqsxejn ghajnejh u jitkellem mod iehor biex jipprova jmur ghal ghajnha iktar.

Illi nhar it-18 ta’ Marzu, 2014 xehdet **Rita Barbara** u mistoqsija x’kariga ghandha hija wiegbet li hija *Head of School* ta’ St. Andrews Girls Secondary li qieghda Pembroke. Fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’

Ottubru, tal-elfejn u tlettax (2013) kien inqala' incident u x-xhud giet mitluba tispjega ghalxiex kienu marru l-pulizija, x'incident inqala' u fiex kienet involuta hi, u fiex kienet assistitha meta l-pulizija kellmu xi partijiet. Ix-xhud spjegat li l-pulizija marru mhux ghax baghtu ghalihom huma imma ghaliex filghodu kellha l-College Principal l-iskola hi u hi u hierga kien hemm xi genitur li kellmitha u ratha forsi naqra ecitata u diehla l-iskola u allura hasset li kellha ccempel lill-pulizija. Hija spjegat li l-genitur kienet omm -omissis-. Sussegwentament marru l-iskola u fil-fatt is-Sinjura kienet hemm ukoll u kellmuha l-pulizija u spjegatilhom il-*concern* taghha x'kien. Mitluba tghid min kien il-pulizija spjegat li kien hemm Surgent Ramon Mifsud u kien hemm tnejn ohra imma ma tafx x'jisimhom. Mitluba tghid jekk is-Surgent kellemx lil xi hadd quddiemha x-xhud spjegat li s-Sinjura biss kien hemm dak il-hin. Dak il-hin tkellem ma' din l-omm u wara nofsinhar taf li kellem quddiemha lil -omissis-. Mistoqsija tghid min hi -omissis- ix-xhud qalet li hi studenta fl-iskola taghha. Mistoqsija tiftakarx x'kien staqsa l-pulizija lil -omissis- ix-xhud qalet li dana staqsieha jekk kellhiex xi relazzjoni mal-habiba taghha li hija ma tafx min hi u hi qatt ma rathom flimkien u dak il-hin taf li qaltlu iva ghad-domanda tieghu.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef tal-21 ta' April, 2014 u nhar id-19 ta' Mejju, 2014 il-partijiet dehru quddiem din il-Qorti u ezentaw lil din il-Qorti mill-htiega li terga' tisma x-xhieda li kienu gja

iddeponew f'din il-kawza u ghalhekk din il-Qorti kompliet bs-smiegh tal-provi taghha.

Illi nhar id-19 ta' Mejju, 2014 xehed l-**Ispettur Trevor Micallef** u spjega li fil-21 ta' Ottubru, tal-2013 il-Pulizija tal-Ghassa ta' San Giljan ircevew telefonata mill-iskola ta' Pembroke fejn allegaw li kien hemm rapport ta' *bullying*. Kienu marru l-Pulizija fejn kienet ghamlet rapport ukoll -omissis- wahda mill-genituri tat-tfal, fejn qalet li hemm certu tifla jisimha -omissis- li kienet qed thedded lit-tfal taghha u kien hemm xi tfal ohra li bdiet theddidhom u tghidilhom li kienet sejra ghalihom il-*partner* taghha li hija Raisa Mangion l-imputata prezenti fl-Awla.

Sussegwentement kienet inghatat *hand over* lis-Surgent 928 fejn kien kompla ghamel xi nvestigazzjonijiet, fejn kien kellem lil din Raisa Mangion, u f'din l-invstigazzjoni kien hareg li effettivament din Mangion kellha xi relazzjoni ma' studenta f'din l-iskola.

Kien baghat ghaliha, ghall-genituri ta' -omissis- u ghal -omissis- fejn kienu kellmuhom l-Ghassa San Giljan. Hu kien kellem lil -omissis- fejn kienet irrilaxxat stqarrija, fejn kienet ammettiet li kellha relazzjoni sesswali ma' din Raisa Mangion li qieghda prezenti fl-Awla. Kien kellem lil wiehed mill-genituri taghha lill-missier u lill-omm kien kellimha haddiehor.

Dan kollu nqala’ f’daqqa wahda ghax wahda mill-genituri u cioe’ -omissis- kienet regghet ghamlet rapport l-Ghassa ta’ San Giljan fejn irrapportat illi l-imputata kienet qieghda tigri bil-karozza taghha wara t-tfal, wara t-tifla taghha u tifla ohra habiba taghha waqt li kienu l-Gzira, u ghalhekk baghtu ghalihom b’urgenza u kellu jressaq b’urgenza lil Raisa Mangion.

Huwa ma kienx prezenti meta l-Pulizija ezekuttiva fil-fatt kienet marret l-iskola u spjega li dak kollu illi qaltlu Raisa Mangion fil-fatt jinsab rifless fl-istqarrija esebita fl-atti a fol. 6 immarkata bhala Dokument TM1u dan b’mod verbali.

Illi fis-seduta ta’ l-1 ta’ Lulju 2014 dehru l-paritijiet quddiem din il-Qorti u ttrattaw il-kawza u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT</u>**

Il-principju generali rigward it-tezi ta' "*burden of proof*" hi dik ta' min jallega irid jipprova. Fil-fatt fi kliem **Manzini** kif misjuba fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale***[1],

[1] Kapitolu IV, vol III, pagna 234 (Ediz. 1890)

*"il cosi della onere detto prova cioe' il carico di fornirla spetta a chi accusa," (onus probandi incumbit qui asserit).*

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga bhal per ezempju d-difiza tal-insanita.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ppruvata hatja, u dan ai termini tal-**Artikolu 40 subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et**[2] fejn intqal

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali -- 13 ta' Mejju, 1936

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu; il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputata, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni; li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Fil-fatt rigward liema grad ta' prova jrid jigi sodisfatt il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

"*that degree is well settled...it must carry a high degree of probability...if the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*"

Xi jfisser dubju ragjonevoli mhux facli biex jigi deskritt, pero’ zgur li jfisser aktar mill-grad ta' probabilita’. Il-livell tal-prova hija wahda gholja pero’ ma tridx tigi konfuza mal-livell ta' certezza morali u lanqas ma’ prova xjentifika. **Lord J. Denning** fis-sentenza ***Miller v Minister of Pensions (1935)*** qal:

"*that degree is well settled. It need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice*[3]*.*"

**KONSIDERAZZJONIJIET OHRA**

[3] May Richard Criminal Evidence (3rd Ed.) Sweet & Maxwell pg. 64 para. 4-38

Il-Qorti thoss li wara li l-istess ghamlet apprezzament tal-principju tad-dritt trid tara xi provi ressqet il-Prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuzi taghha.

Fil-kaz odjern dawn l-akkuzi huma maqsuma fi tnejn, l-ewwel akkuza hija dik li titratta dwar akkuza ta’ partecipazzjoni f’attivitajiet sesswali ma’ persuni taht l-eta u cioe’ -omissis- ai termini tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta u dan fuq medda ta’ zmien u cioe’ f’Malta bejn il-perjodu tat-2 ta’ Ottubru, 2013 u fis-sena ta’ qabel din id-data u fit-tieni lok dwar akkuzi ohra li jikkoncernaw data specifika u cioe’ nhar id-29 ta’ Ottubru, 2013 meta l-imputat hija akkuzata talli ikkagunat biza lil terzi persuni kif indikati fl-akkuza, tat fastidju wkoll lil terzi msemmija fl-akkuza, talli saqet vettura b’mod negligenti u perikoluz u b’manjiera eccessiva. Ghalhekk din il-Qorti sejra taqsam is-sentenza tagha f’zewg partijiet.

Dwar l-ewwel akkuza jinghad li l-imputat hija akkuzata bir-reat ta’ partecipazzjoni f’attivitajiet sesswali ma’ persuni taht l-eta ai termini tal-Artikolu 204C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, liema reat gie ntrodott fis-sistema legali taghna b’att XXX1 tas-sena 2007 kif sussegwentement emenedat b’att IV tas-sena 2014.

Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta’ x’jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero’ huwa maghruf li dawn l-atti jrid ikollhom bhala minimu certu

element ta' sess sabiex l-atti jissejhu attivitajiet sesswali u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu jkun hemm l-uzu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti fir-relazzjoni. Ghalhekk mhux kwalsiasi att bejn zewg minn nies f'relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bhal per ezempju tghanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita sesswali.

Huwa ghalhekk kompitu ta' din il-Qorti sabiex tinvestiga ulterjorment dak li rnexxielha tipprova l-Prosekuzzjoni dwar dak li sehh bejn l-imputata u -omissis- sabiex jigi stabbilit jekk il-hbiberija/relazzjoni ta' bejniethom kienitx wahda li taqa' taht il-kappa fejn kien hemm attivitajiet sesswali bejniethom.

Fil-kawza odjerna jirrizulta li l-pulizija bdiet tinvestiga l-kaz abbazi ta' rapport fuq xi theddid li allegatament kien qed isir minn -omissis-fil-konfront ta' xi tfal kollegi taghha fl-iskola ta' Pembroke u li sahansitra anke seta' kien il-kaz fejn hija uzat isem l-imputata sabiex thedded aktar lil shabha u tuza' xi forza ta' bullying. Dan qed jinghad biss abbazi tal-fatt li l-pulizija kienu qed jinvestigaw dan ir-rapport. Kien biss f'din l-investigazzjoni li saru jafu li -omissis- hija gay u li kellha hbiberija mal-imputata. Ma kien hemm hadd li rraporta din ir-relazzjoni u l-pulizija ghokritha ghajnejha meta nnottat li -omissis- ghandha sittax-il sena u l-imputata ghandha wiehed u ghoxrin sena. Kien ghalhekk li batghet ghal genituri taghha u kellmithom. Jidher li omm -omissis- kienet taf

b’din il-hbiberija tant li qalet li kienet iddahhal lill-imputata d-dar kif kienet taghmel bil-hbieb tal-ulied l-ohra u li ghaliha kellha mohha mistrieh ghaliex bintha ma kienitx qed tigri barra u ddum tard bil-lejl. Kienet taf ma’ min kienet tkun u fejn kienet tkun. Qalet li ghall-ewwel iddarset meta saret taf li bintha kient tippreferi l-kumpaniji ta’ min kellu l-istess sess taghha pero’ wara kellha taccetta din is-sitwazzjoni. Tghid li bintha ma tantx tiftah qalbha maghha u fil-fatt qatt ma ddiskutiet ir-relazzjoni li kellha bintha mal-imputata ghalkemm tghid li taf li kienu hbieb pero’ x’kien jigri bejniethom ma tafx ghax ex admisss wiegbet li “*maghhom ma tkunx*”. Mistqosija jekk tafx jekk bintha ppartecipatx f’xi atti sesswali tghid li ma tafx u tghid li quddiemha dejjem gabu ruhhom sew. Mistoqsija jekk tafx li bintha u l-imputata tbewsu tghid li taf li dan sehh f’okkazjoni wahda jew aktar, pero’ tinsisti li ma taf xejn aktar. Qalet li bintha minn dejjem kienet aktar migbuda lejn nies tal-istess sess taghha.

Missier -omissis- wkoll gie mitkellem mill-pulizija u dan stqarr ukoll li kien jaf li bintu kellha hbiberija mal-imputat u li sahansitra anke sar jaf li tmur id-dar ghandha. Huwa qal li jhalli lil dak li jkun fil-liberta’ tieghu. Mistoqsi jelabora x’relazzjoni kien hemm bejniethom jghid li ma jafx ghax maghhom ma jkunx.

Illi l-minorenni -omissis- xehdet wara li gie spjegat lilha l-import tal-gurament u qalet li hija ghandha hbiberija mal-imputata li

gharfet prezenti fl-awla u li kienet ilha f'din il-hbieberija ghal xi sena u xaghrejn. Qalet li meta l-pulizija kellmuha hija qaltilhom li kien hemm attivita' sesswali pero' fissret li b'dan riedet tghid li kienet bewset darba jew darbtejn lill-imputata. Ma qalet xejn aktar dwar xi atti sesswali li setghet ippartecipat fihom la meta l-pulizija ezekuttiva kienet qed tinvestiga l-kaz u lanqas aktar tard meta xehdet il-Qorti viva vice. Mistoqsija kemm il-darba x'riedet tfisser b'dak li qalet meta qalet li sesswalment kienet mal-imputata riedet tfisser li kienet bewsitha. Illi din giet mistoqsija kemm il-darba kemm mill-Qorti kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza sabiex telabora aktar fuq dan il-punt izda dejjem zammet lura u nsistiet li kull ma ghamlet kien li bieset lill-imputata.

Illi l-pulizija b'mod partikolari PS 928 Ramon Mifsud Grech jghid fix-xhieda teighu kemm il-darba li l-imputata u -omissis- it-tnejn qalu li kellhom attivitajiet sesswali ma' xulxin u anke jirraporta hekk fl-okkorronza li rrediga a fol. 15 tal-atti pero' mkien ma' jelabora u jaghti xi deskrizzjoni ta' xiex kienu jikkonsistu dawn l-allegati atti.

L-imputat ma xehditx f'dawn il-proceduri kif kellha kull dritt taghmel pero' a tempo vergine tal-investigazzjoni kienet irrilaxxjat stqarrija, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 6 et seq (Dok. TM1). F'din l-istqarrija l-imputata giet mistoqsija b'mod specifiku

jekk kellhiex x'taqsam sesswalment ma' -omissis- u tghazel li ma tixhedx. Mistoqsija jekk qattx kellha mumenti intimi ma' -omissis- taghzel ukoll li ma twegibx u mistoqsija ghaliex lil PS 928 kienet qaltlu li kellha x'taqsam ma' -omissis- tghid li mhux veru, qaltlu hekk.

Illi ghalhekk f'din l-istqarrija l-Qorti m ghandhiex l-ebda ammissjoni dwar l-agir tal-imputata fir-rigward ta' -omissis-. Jidher li l-pulizija staqsew lill-imputat diversi domandi pero' fl-ebda wahda minnhom ma tat xi risposta fejn allegat jew tat x'tfhem li effettivament kellha xi attivita' sesswali ma' -omissis-. Meta -omissis- giet mistoqsija dwar relazzjoni intima mal-imputat qalet li safejn taf hi ma jistax ikun hemm bejn zewg minn nies tal-istess sess. In fatti ex admissis tghid "*Li ma kellniex sesswalment dak li jigifieri isir bejn mara u ragel ghax ovvjament mara ma' mara ma tistax taghmel xejn jigifieri sesswalment jigifieri bisna lil xulxin darba fil dak kollox jigifieri*" (fol. 45).

Ghalhekk mis-suespost il-Qorti hija tal-fehma li verament hemm hbiberija bejn l-imputata u -omissis- pero' il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputata ippartecipat f'xi attivita' sesswali kif trid il-ligi mal-istess -omissis- u ghalhekk l-ewwel akkuza ma gietx provata. Il-fatt li l-imputat bieset tfajla ohra ma jammontax ghar-reat in desamina.

Dwar it-tieni parti tal-akkuza u cioe’ r-reati l-ohra li jikkoncernaw terzi persuni mhux l-allegata vittma -omissis- il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda u provi prodotti. Dwar l-akkuza kif naxxenti mill-artikolu 251B jinghad li l-prosekuzzjoni trid tiprova *a course of conduct* fejn allegatament l-imputata bl-imgieba taghha ikkagunat biza’ lil -omissis- u lil -omissis- li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta’ taghhom. Illi jirrizulta minnufih li l-Prosekuzzjoni lanqas biss resqet lill-allegati vittmi ta’ dan ir-reat u cioe’ lil -omissis- u -omissis- sabiex jixhdu u ghalhekk huwa difficli hafna li din l-akkuza tigi provata. Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-headmistress tal-iskola ta’ Pembroke tixhed u tghid li kellha rapport minn omm studenta li -omissis- kienet qed thedded xi studenti fosthom lil bintha u tghidilhom ukoll li kienet ser iggib lil habiba taghha l-imputata. Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll lil omm tifla tal-iskola li kkonfermat li bintha kienet qaltilha dan id-diskors. Pero’ bir-rispett kollu din il-prova mhix dik il-prova li l-Prosekuzzjoni ghandha ggib il-Qorti sabiex tipprova akkuza ta’ portata bhal din. Kienet tistenna lill-Prosekuzzjoni tressaq lil -omissis- u -omissis- sabiex jelaboraw fuq dan ir-rapport u jaghti d-dettalji tal-incident mertu ta’ din l-allegat akkuza haga li ma saritx u ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax provata u dan lanqas remotament.

Dwar it-tielet akkuza u cioe’ dik naxxenti mill-**Artikolu 251A tal-Kodici Kriminali** u cioe’ dik li l-imputata tat fastidju lill-istess -omissis- u -omissis-. Hawnhekk ukoll il-Prosekuzzjoni kellha

tipprova *a course of conduct* u in oltre kellha tressaq lil dawn l-imsemmija -omissis- u -omissis- sabiex jikkonfermaw ir-rapport li sar u effettivament jiddiskrivew dak li effettivament sehh fil-konfront tal-imputat u hawnhekk ukoll il-Prosekuzzjoni ma ghamlet xejn minn dan. Anzi meta l-imputata giet mistoqsija fl-istatement li hija rrilaxxjat jekk tafx min huma -omissis- u -omissis- qalet li lil -omissis- lanqas biss tafha u lil -omissis- kienet kellmitha darba wahda biss u kienu tkellmu b'mod normali. Din l-akkuza wkoll ma tirrizultax provata.

Dwar ir-raba' u hames akkuza u cioe' li l-imputata saqet il-vettura taghha tal-ghamla Volkswagen numru ta' registrazzjoni JBP 352 gewwa l-Gzira b'manjiera traskurata, perikoluz, negligenti u b'mod eccessiv il-Qorti tirrileva li dwar dawn l-akkuzi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova u ghalhekk ma tirrizultax provata.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 204C, 251B, 251A (1) u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 15 (1) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Legal Notice 94/69 tiddeciedi li ma ssibx lill-imputata hatja tal-akkuzi kif migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.**

**Peress li din il-Qorti ma sabitx lil-imputata hatja tal-akkuzi mhix se tilqa' it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tipprovdi garanzija ghal -omissis- u -omissis- skond l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet**

**ta’ Malta u lanqas mhi ser tilqa’ it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tohrog Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ -omissis- u -omissis- ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti tordna li isem l-allegati vittmi f’din il-kawza ma jissemmux fuq kull mezz tax-xandir stante li huma minorenni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------